



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 17.7.2020  
COM(2020) 327 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI**

**LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-QORTI TAL-AWDITURI**

**DWAR IL-FOND TA' GARANZIJA GĦAL AZZJONIJIET ESTERNI U L-ĠESTJONI  
TIEGĦU FL-2019**

{SWD(2020) 136 final}

## **Werrej**

1.	Introduzzjoni .....	2
2.	Il-Qagħda Finanzjarja u Tranżazzjonijiet Sinifikanti tal-Fond ta' Garanzija .....	2
2.1.	Il-Qagħda Finanzjarja tal-Fond ta' Garanzija fil-31 ta' Diċembru 2019 .....	2
2.2.	Tranżazzjonijiet Sinifikanti mill-Fond fl-2019 .....	3
2.2.1.	Talbiet għall-Fond ta' Garanzija 2019 .....	3
2.2.2.	Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija 2019 .....	3
2.3.	Tranżazzjonijiet sinifikanti wara d-data tar-rapportar (minn tmiem Marzu 2020) .....	3
3.	Rapporti finanzjarji prekonsolidati tal-Fond .....	4
3.1.	Pożizzjoni Finanzjarja prekonsolidata fil-31 ta' Diċembru 2019 .....	4
3.2.	Rapport tal-Introjtu Prekonsolidat .....	5
4.	Ġestjoni tal-Flus tal-Fond ta' Garanzija .....	6
4.1.	Politika ta' investiment .....	6
4.2.	Il-prestazzjoni u l-iżviluppi tas-suq fl-2019 .....	7
5.	Talbiet għall-Fond ta' Garanzija .....	7
6.	Rimunerazzjoni tal-BEI .....	7

## **1. INTRODUZZJONI**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 ("ir-Regolament")<sup>1</sup> stabbilixxa Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni ("il-Fond") biex jitħallsu lura l-kredituri tal-Unjoni fil-każ ta' inadempjenza mill-benefiċjarji ta' self maħruġ jew garantit mill-Unjoni Ewropea. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament, il-Kummissjoni fdat il-ġestjoni finanzjarja tal-Fond lill-Bank Ewropew tal-Investment (il-BEI) skont ftehim iffirms bejn l-Unjoni Ewropea u l-BEI fil-25 ta' Novembru 1994, u sussegwentement emendat fit-23 ta' Settembru 1996, fit-8 ta' Mejju 2002, fil-25 ta' Frar 2008 u fid-9 ta' Novembru 2010 u fit-28 ta' Settembru 2018<sup>2</sup> ("il-Ftehim").

L-Artikolu 8 tar-Regolament jitlob lill-Kummissjoni tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Audituri dwar is-sitwazzjoni tal-Fond u l-ġestjoni tal-Fond fi tmiem is-sena kalendarja ta' qabel għal kull sena finanzjarja sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju tas-sena ta' wara.

Dan ir-rapport flimkien mad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (SWD) jipprovi din l-informazzjoni. Huwa bbażat fuq *data* li waslet mill-BEI, b'konformità mal-ftehim.

## **2. IL-QAGĦDA FINANZJARJA U TRANŻAZZJONIJIET SINIFIKANTI TAL-FOND TA' GARANZIJA**

### **2.1. Il-Qagħda Finanzjarja tal-Fond ta' Garanzija fil-31 ta' Diċembru 2019**

Fil-31 ta' Diċembru 2019 il-Fond ta' Garanzija laħaq total ta' EUR 2,828,738,292.88 (EUR 2,609,881,747.51 mill-31 ta' Diċembru 2018) (ara l-Anness tal-SWD: Rapporti finanzjarji tal-Fond ta' Garanzija kif ipprovdu mill-BEI).

Il-valur totali skont il-karta tal-bilanċ tal-Fond żdied b'madwar EUR 218,86 miljun fl-2019. Dan huwa spjegat l-aktar b'dawn li ġejjin:

Żidiet:

- Il-kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE (ammont ta' proviżjonament) ta' EUR 240,15 miljun biex jiġi aġġustat il-Fond għall-ammont fil-mira ta' 9% tal-obbligazzjoniċi pendentii totali;
- Ir-riżultat ekonomiku tal-operazzjoniċi finanzjarji ammonta għal EUR 25,13 miljun;
- L-istima tal-portafoll żdiedet bi EUR 8.6 miljun minħabba l-aġġustament skont il-valur fis-suq.

Tnaqqis:

<sup>1</sup> ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10; ir-Regolament ikkodifikha u ġassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 t'Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni. Dan ġie emendat fl-14.3.2018 mir-Regolament (UE) 2018/409 tal-PE u tal-Kunsill

<sup>2</sup> Il-Ftehim Supplimentari Nru 5 tal-Ftehim dwar il-Ġestjoni tal-Fond ta' Garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Fond Ewropew tal-Investment - Ref. Ares(2018)5207374 - 10/10/2018.

- L-Interventi tal-Fond biex ikopri l-inadempjenzi fil-pagament għal ammont totali ta' EUR 54,9 miljun.

## **2.2. Tranżazzjonijiet Sinifikanti mill-Fond fl-2019**

### **2.2.1. Talbiet għall-Fond ta' Garanzija 2019**

#### **Is-Sirja**

Fl-2019, il-BEI baqa' jaffaċċa arretrati fuq self sovran Sirjan. Minħabba f'hekk, u f'konformità mal-Ftehim ta' Garanzija bejn l-UE u l-BEI, sal-31 ta' Diċembru 2019 il-BEI għamel 14-il sejħa addizzjonali mill-Fond ta' Garanzija tal-UE għal ammont totali ta' EUR 54,91 miljun (ara l-punt 5).

### **2.2.2. Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija 2019**

Fi Frar 2019 ġie trasferit ammont ta' EUR 103,2 miljun mill-baġit lejn il-Fond li jikkorrispondi għall-ammont ta' proviżjonament għall-2018.

Il-kalkolu tal-kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE lejn il-Fond għall-2020 ġie kkalkolat ukoll fi Frar 2019 u rriżulta fit-trasferiment ta' EUR 240,15 miljun fi Frar 2020. Dan ġie kkalkolat skont l-Artikolu 3 u l-Artikolu 5 tar-Regolament:

L-Artikolu 3 tar-Regolament jistabbilixxi l-ammont fil-mira għall-Fond għal 9% tat-total tal-obbligazzjonijiet tal-kapital pendentli li jirriżultaw minn kull operazzjoni, flimkien ma' kull imgħax dovut mhux imħallas.

Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament, l-ammont li jrid jiġi trasferit mill-baġit għall-Fond fis-sena n + 1 huwa kkalkulat fuq il-bażi tad-differenza bejn l-ammont fil-mira u l-valur tal-assi netti tal-Fond fi tmiem is-sena n - 1, ikkalkulat fil-bidu tas-sena n.

Biex il-Fond jiġi aġġustat għal 9% tat-total tal-obbligazzjonijiet tal-kapital pendentli, ammont ta' EUR 240,15 miljun kien ikkalkulat fuq il-bażi tal-operazzjonijiet garantiti pendentli fil-31 ta' Diċembru 2018 u mdaħħla fil-baġit tal-UE tal-2020 għall-proviżjonament tal-Fond. L-ammont kien approvat mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew u rikonoxxut bħala assi (riċevibbli) tal-Fond fil-karta tal-bilanċ tal-31 ta' Diċembru 2019.

## **2.3. Tranżazzjonijiet sinifikanti wara d-data tar-rapportar (minn tmiem Marzu 2020)**

Fi Frar 2020, l-ammont ta' proviżjonament imsemmi hawn fuq, ta' EUR 240,15 miljun, ġie trasferit mill-baġit tal-UE lejn il-Fond.

F'Jannar u f'Marzu 2020, tħallsu b'kollo EUR 10,6 miljuni f'żewġ sejħiet għal pagamenti inadempjenti tas-Sirja (EUR 3,2 miljun u EUR 7,4 miljun inklużi penali applikati mill-BEI).

### **3. RAPPORTI FINANZJARJI PREKONSOLIDATI TAL-FOND**

Ir-rapporti finanzjarji prekonsolidati tal-Fond jitħejjew biex jinkludu l-operazzjonijiet tal-kontijiet li ma jkunux inklużi fir-rapporti finanzjarji tal-Fond imħejjiha mill-BEI (ara l-SWD). Dawn huma parti mir-rapporti finanzjarji konsolidati tal-UE.

#### **3.1. Pożizzjoni Finanzjarja prekonsolidata fil-31 ta' Diċembru 2019**

Karta tal-bilanċ — Assi

	31 ta' Diċembru 2019	31 ta' Diċembru 2018
<b>ASSI MHUX KURRENTI</b>	<b>2,312,151,734</b>	<b>2,275,342,664</b>
Assi finanzjarji	2,312,151,734	2,275,342,664
<b>ASSI KURRENTI</b>	<b>277,139,064</b>	<b>231,316,149</b>
Assi finanzjarji	233,048,865	189,758,096
Riċevibbli	1,290,863	-
Flus u l-ekwivalenti ta' flus	42,799,336	41,558,053
<b>ASSI TOTALI</b>	<b>2,589,290,798</b>	<b>2,506,658,813</b>

Karta tal-bilanċ - Obbligazzjonijiet

	31 ta' Diċembru 2019	31 ta' Diċembru 2018
<b>RIŻORSI TAL-KONTRIBUTURI</b>	<b>2,407,419,308</b>	<b>2,295,687,144</b>
Il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea	1,950,195,297	1,846,972,362
Riżerva ta' valur ġust	20,859,023	12,227,192
Qligħ miżimum	436,364,988	436,487,590
<b>OBBLIGAZZJONIJIET MHUX KURRENTI</b>	<b>111,685,549</b>	<b>159,153,609</b>
Dispożizzjonijiet finanzjarji	111,685,549	159,153,609
<b>OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI</b>	<b>70,185,941</b>	<b>51,818,060</b>

Dispożizzjonijiet finanzjarji	49,709,547	50,777,871
Obbligazzjonijiet tal-garanziji finanzjarji	19,590,000	
Ammonti pagabbi	886,394	1,040,189
<b>RIŻORSI TOTALI TAL-KONTRIBUTURI + OBBLIGAZZJONIET</b>	<b>2,589,290,798</b>	<b>2,506,658,813</b>

Id-differenza ta' EUR 239,4 miljuni bejn il-valur totali tal-karta tal-bilanç prekonsolidata tal-Fond (EUR 2,589,290,798) u l-valur tal-Fond fir-rapporti finanzjarji mħejjija mill-BEI (EUR 2,828,738,292.88) tista' tiġi spiegata l-aktar bil-punti li ġejjin:

- Il-Karta tal-bilanç prekonsolidata (assi) tinkludi:
  - l-ammonti kollha surrogati lill-UE bħala riżultat tal-pagamenti ta' garanzija lill-BEI isejħu għal pagamenti parzjali ta' self inadempjenti (arretrati dovuti flimkien mal-imgħax akkumulat fuq pagamenti li jsiru tard). Madankollu, fid-dawl tas-sitwazzjoni politika tas-Sirja u fuq il-bażi tad-deċiżjoni tal-Ufficijal tal-Kontabilità tal-KE, dawn l-ammonti ġew kompletament indeboliti fir-rapporti finanzjarji tal-2019.
  - riċevibbli ta' EUR 0.7 miljun mill-BEI għal irkupru parzjali tas-self lill-Ajruport ta' Enfidha (it-Tuneżija) li nġabar mill-BEI f'Diċembru 2019 u ġie kkreditat lill-kont tal-bank tal-Fond ta' Garanzija f'Jannar 2020.
- Il-karta tal-bilanç prekonsolidata (ma tinkludix EUR 240,2 miljun ta' kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE għall-Fond ittrasferiti fl-2020 peress li dan ir-riċevibbli huwa paċut mill-ammont pagabbi korrispondenti fil-kontijiet konsolidati tal-UE.
- Il-pagamenti ta' sejħiet mill-Fond ta' Garanzija lill-BEI (u fejn applikabbli l-irkupri suċċessivi tas-sejħiet u mghaxxijiet ta' inadempjenza) huma rikonoxxuti bħala tnaqqis (żidiet) tal-Assi Netti (Kontribuzzjoni tal-UE) fir-rapporti finanzjarji mħejjija mill-BEI. Fir-rapporti finanzjarji prekonsolidati, l-ammonti mħallsa għal sejħiet tal-BEI ma jitnaqqsux mill-Assi Netti peress li jsiru ammonti surrogati. L-ammonti relatati huma jew kontabilizzati bħala dħul (imgħax ta' inadempjenza u penali li jsiru dovuti, qliġi mill-kambju barrani) jew bħala spejjeż (provvedimenti, insuffiċjenza, obligazzjoni għal garanzija finanzjarja, telf mill-kambju barrani). Dan iwassal għal differenza permanenti bejn il-partiti tal-Assi Netti (Kontribuzzjoni tal-UE u qliġi imfaddal) rikonoxxuta fir-rapporti finanzjarji mħejjija mill-BEI u fir-rapporti finanzjarji prekonsolidati mħejjija mill-KE.

### 3.2. Rapport tal-Introjtu Prekonsolidat

Hekk kif isir għall-karta tal-bilanç, ir-rapport finanzjarju prekonsolidat tal-Prestazzjoni Finanzjarja jithejjha biex ikun inkluż fir-Rapporti Finanzjarji konsolidati tal-UE.

	2019	2018
Dħul minn attivitajiet operatorji	266,252	2,928,446
Spejjeż minn attivitajiet operatorji	(3,494,876)	(4,876,241)
<b>RIŻULTAT MINN ATTIVITAJIET OPERATORJI</b>	<b>(3,228,615)</b>	<b>(1,947,795)</b>
Dħul finanzjarju	42,681,966	30,241,834
Kostijiet finanzjarji	(39,575,953)	(20,906,275)
<b>RIŻULTAT FINANZJARJU</b>	<b>3,106,013</b>	<b>9,335,559</b>
<b>RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA</b>	<b>(122,602)</b>	<b>7,387,764</b>

- Id-dħul mill-attivitajiet operatorji jinkludi qligħ minn kambju ta' EUR 0.3 miljun.
- L-ispejjeż mill-attivitajiet operatorji jinkludu l-aktar it-tariffi tal-immaniġġar tal-assi tal-BEI (EUR 0.8 miljun), tariffi ta' rkupru estern tal-BEI (EUR 0.2 miljun) u żieda fuq il-provvedimenti finanzjarji dwar il-pagamenti futuri pendentii tas-Sirja (EUR 2.2 miljun)
- Id-dħul finanzjarju jinkludi l-iktar id-dħul mill-imgħax mill-portafoll tal-investiment (EUR 7,7 miljun), qligħ realizzat fuq bejgħ ta' assi finanzjarji (EUR 16,8 miljun), remunerazzjoni relatata mar-riskju minn mandat privat ERI (EUR 2.2 miljun) u mgħax għal ħlas tardiv akkumulat fuq ammonti surrogati (EUR 15,9 miljun)
- L-ispejjeż Finanzjarji jinkludu l-aktar it-telf minn indeboliment (EUR 19,6-il miljun) fuq ammonti surrogati lill-UE fl-2019 (ara l-punt 5), telf realizzat fuq bejgħ ta' assi finanzjarji (EUR 0.3 miljun) u obbligazzjoni ta' garanzija finanzjarja rikonoxxuta fuq operazzjonijiet ta' mandat privat tal-ERI (EUR 19.6 miljun).

#### 4. ĠESTJONI TAL-FLUS TAL-FOND TA' GARANZIJA

##### 4.1. Politika ta' investiment

L-assi likwidi tal-Fond huma investiti skont il-prinċipji ta' ġestjoni stipulati fl-Anness tal-Ftehim ta' Ġestjoni, kif emendat<sup>3</sup>. B'konformità ma' dan, se jitpoġġew biżżejjed assi f'assi monterarji biex jiġu koperti l-flussi ta' ħruġ fuq żmien qasir (anqas minn

---

<sup>3</sup> Kif emendat bil-Ftehim Supplementari Nru 1 tat-23 ta' Settembru 1996, il-Ftehim Supplementari Nru 2 tat-8 ta' Mejju 2002, il-Ftehim Supplementari Nru 3 tal-25 ta' Frar 2008, il-Ftehim Supplementari Nru 4 tad-9 ta' Novembru 2010 u 1-Ftehim Supplementari Nru 5 ta' Settembru 2018.

sena waħda), bi proporzjon li jrid jiġi stabbilit fl-istrateġija annwali tal-investiment. L-assi li jifdal jistgħu jiġu allokat i lil strumenti ta' terminu qasir u medju, b'maturità massima ta' 10 snin u 6 xhur mid-data tal-pagament (portafoll fuq terminu medju u twil). Sa tmiem l-2019, it-tul ta' żmien globali modifikat tal-portafoll tal-Fond kien ta' madwar 3 snin.

#### **4.2. Il-prestazzjoni u l-iżviluppi tas-suq fl-2019**

Il-prestazzjoni tal-portafoll tal-Fond kien immonitorjat fuq bażi ta' prezzar skont il-valur tas-suq. Matul l-2019, il-portafoll tal-Fond wassal redditu b'saħħtu ta' 1.3 %, appoġġat bit-tkomplija ta' ambjent b'rendiment baxx u sentiment ta' riskju pożittiv. Il-portafoll tal-Fond ma wettaqx il-punti ta' riferiment tiegħu b' -9.03 bps. Ir-redditu pożittiv issarraf f'kontribuzzjoni pożittiva ta' EUR 33 miljun. Sa minn tmiem l-2019, il-valur tas-suq tal-portafoll tal-Fond kien ta' madwar EUR 2,580 miljun.

Fil-kuntest ta' ekonomija li qed tiddgħajjef, inflazzjoni mrażżna u riskji ġeopolitiċi negattivi, il-politika monetarja saret waħda akkomodattiva. Bi tliet tnaqqisiet tar-rata tal-Fondi Federali matul H2 2019, il-Fed reġġa' lura ċ-ċiklu ta' ssikkar monetarju li nbeda fl-2015. Barra minn hekk, il-BĊE pprovda pakkett ta' stimolu f'Settembru li jikkonsisti minn tnaqqis ta' 10 punti ta' depożitu ta' punt bażi, TLTRO estiżza, sistema ta' estrazzjoni għall-banek u programm ta' rilassament kwantitattiv miftuħ.

Is-settur tal-manifattura fl-Istati Uniti u fl-Ewropa naqas minħabba d-dgħufija tal-kummerċ globali. It-tkabbir tas-settur tas-servizzi naqqas ukoll, għalkemm baqa' f'territorju espansjonarju. L-inflazzjoni taż-żona tal-euro kienet inqas mill-mira tal-banek ċentrali filwaqt li l-inflazzjoni tal-Istati Uniti mxiet eqreb lejn il-mira iżda ż-żieda ma għietx ikkunsidrata sodisfaċenti mill-FED.

Matul Awwissu ġew eskalati r-riskji ġeopolitiċi, b'tensionijiet kummerċiali li intensifikaw bejn l-Istati Uniti u ċ-Ċina filwaqt li l-inċertezza dwar il-Brexit affettwat is-sentiment tal-investituri Ewropej. Ir-rati Ewropej u tal-Istati Uniti mxew għal livelli aktar baxxi sa Settembru minħabba l-politika akkomodanti tal-banek ċentrali, aspettattivi baxxi dwar it-tkabbir u l-inċertezza rigward ir-riskji ġeopolitiċi.

Ir-rati żdiedu kemxejn fir-raba' trimestru fil-kuntest tat-tnaqqis tat-tensionijiet ġeopolitiċi u l-istabbilizzazzjoni tad-data ekonomika. Firxiet ta' kreditu, appoġġati minn banek ċentrali akkomodanti, mxew 'l isfel, bi treġġigħ lura episodiku.

### **5. TALBIET GĦALL-FOND TA' GARANZIJA**

#### **Is-Sirja**

Il-BEI qed jaffaċċa arretrati fuq self sovran Sirjan li ilhom minn Novembru 2011. B'hekk, u f'konformità mal-ftehimiet ta' garanzija bejn l-UE u l-BEI, il-BEI għamel 77 sejħa fuq il-Fond ta' Garanzija tal-UE sal-31 ta' Diċembru 2019 għal ammont totali ta' EUR 475,96 miljun (inklużi l-penali applikati mill-BEI u l-ammont rkuprati).

### **6. RIMUNERAZZJONI TAL-BEI**

Ir-rimunerazzjoni tal-BEI hija magħmula mit-tariffi ta' ġestjoni u mit-tariffi tal-irkupru. It-tariffi ta' ġestjoni jkopru l-ġestjoni tal-Fond. It-tariffi ta' rkupru jkopru n-

nefqiet tal-irkupru estern tal-BEI rigward talbiet wara inadempjenzi koperti mill-garanzija tal-UE għall-operazzjonijiet finanzjarji tal-BEI barra mill-Unjoni.

It-tieni Ftehim Supplimentari għall-Ftehim bid-data tat-8 ta' Mejju 2002 jistabbilixxi li t-tariffi ta' ġestjoni tal-Bank għandhom jiġu kkalkulati bl-applikazzjoni ta' rati annwali digressivi għal kull segment tal-assi tal-Fond. Din ir-rimunerazzjoni hija kkalkulata fuq il-bażi tal-medja annwali tal-assi tal-Fond.

It-tariffi ta' ġestjoni tal-Bank għall-2019 ġew iffissati għal EUR 817,747 u ddaħħlu bħala spiżza fir-Rapport tal-Introjtu u bħala dovuti (obbligazzjonijiet) fil-Karta tal-Bilanċ.

Il-Ftehim ta' Rkupru li ġie ffirmat bejn il-Kummissjoni u l-Bank f'Diċembru 2018 jipprevedi biss il-ħlas tal-infiq tal-irkupru estern (u m'għadux jinkludi l-intern) tal-BEI.